# DID-DWEJRA BĦAL ĦAJJA

*Ta'* ĠUŻE' CARDONA

Araha,
Did-dwejra,*
Li fiha tliet kmamar
Kull waħda sular:
Tliet xorta ta' bniedem;
Ta' isfel
Ħlief jaħdem u jiekol ma jafx;
Tat-tieni
Jaf biss kif jistagħna;
Tat-tielet
'Il fuq mill-oħrajn,
Fil-ħemda, fil-ġabra,
Jgħix aktar fis-safa,
Fis-saltna ta' ħsiebu
Jitrejjaq biċ-ċpar . . .

'Ma jara wisq ċar
Dil-ħajja
Mill-ogħla sular:
U jara kampnari,
U raba' u baħar,
Wilġiet u widien,
It-tlajja', l-inżul . . .
U kollha flimkien
Idewweb u jħallat
Bil-għaġeb tal-ħsieb
Għax huwa POETA:
Tal-ħajja l-istar
iċarrat
biex jgħarrex
fl-irkejjen tal-kruha u l-ġmiel;
iberraħ
is-satra għammieqa
ta' l-ibgħad ħolqien,
fil-bluha ta' għerfu
Bħal l-aqwa sultan
Imaqdar u jfaħħar
Jiqliel, jaf jagħder,
U jħenn
Mill-ogħla sular.

* Dil-poeżija ġiet imnebbha mid-dar tas-Sur Nin Cremona, D.Lit., li qiegħda fi Triq Palma, Rabat, Għawdex.